# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **13 TA' AWWISSU 2017**

**Ġabra speċjali**

Illum se ssir il-ġabra speċjali għall-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom tkunu ġenerużi. Nirringrazzjawkom mill-qalb.

**Volontarjat fir-Rumanija**

Illum is-Sibt 12 ta' Awwissu 2017 grupp ta' 8 żgħażagħ mill-parroċċa tagħna flimkien ma' Fr Luke, ser jagħmlu esperjenza ta' volontarjat ġewwa r-Rumanija mal-grupp Agara Foundation.

**100 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima**

Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, il-Ħadd 13 ta' Awwissu 2017 wara l-quddiesa tas-6:30am nitolbu flimkien it-talba tar-Ružarju quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Magħmudija Komunitarja**

Għada/Illum il-Ħadd issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Festa ta' Santa Marija**

It-Tnejn 14 ta' Awwissu 2017 billi huwa lejliet Santa Marija filgħaxija jkollna l-quddiesa tas-6:30pm, fis-7:15pm Vġili u r-rakkont tar-Raqda tal-Verġni fil-Mulej u quddiesa fit-8:00pm.

It-Tlieta 15 ta' Awwissu 2017 il-quddies ikun bħal nhar ta' Ħadd u nfakkrukom li hemm l-obbligu tas-smiegħ tal-Quddiesa.

**Quddies fil-Knisja Parrokkjali**

Nhar ta' Erbgħa matul ix-xahar Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fit-8:30am u nhar ta' Ġimgħa quddiesa fid-9:00am li ser jattendu għaliha t-tfal ta' Skola Sajf. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

**Grupp Armar tal-Parroċċa**

Il-Ġimgħa 18 ta' Awwissu 2017 il-Grupp tal-Armar tal-parroċċa qed jorganizzaw BBQ fuq is-simenta.

**Quddiesa u Adorazzjoni fuq is-Simenta**

Is-Sibt 19 ta' Awwissu 2017 fit-8:00pm quddiesa fuq is-simenta u wara adorazzjoni sal-10:00pm animata mill-*Comunità Abramo* flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani.

**Ġurnata Kemmuna**

Il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu 2017 ser norganizaw ġurnata Kemmuna. Tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fit-8:30am. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**70 Sena mill-wasla tal-istatwa ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn**

L-Erbgħa 6 ta' Settembru 2017, hija l-ġurnata li sebgħin sena ilu waslet l-istatwa ta' Sant'Anna fir-raħal tagħna. Flimkien ejjew infakkru din il-ġurnata għażiża billi nieħdu sehem fil-quddiesa tas-6:30pm u wara Lejla Maltija fuq is-simenta. Biljetti mis-sagristija jew mill-uffiċċju parrokkjali.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn il-31 ta' Jannar 2018 u d-9 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm aktar 'il quddiem.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Awwissu 2017. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna. Fil-paġni tan-nofs tal-fuljett Flimkien issibu l-programm sħiħ taż-żjara tal- *Communità Abramo* fil-parroċċa tagħna.